# ĦAMSIN SENA MILL-AKBAR ĦERBA 1941 - 1991

minn Lorenzo Zahra

Għaddew qishom ħolma ... Ħamsin sena ilu, il-Birgu għadda mill-akbar qerda ta' ġwerra li ħalliet lil beltna mġarrfa u mikduda għall-aħħar. Il-jum 16 ta'Jannar 1941, kienwieħed mill-jiem li fihom Malta ġarrbet taħbit qalil mill-ajru. Sitt ijiem qabel, fil-Port kienet daħlet għal tiswija ta' malajr l-'Aircraft Carrier H.M.S. Illustrious', u l-għadu kien ħalef li jgħarraqha fil-port. Minflok, iġġarrfu bla ħniena l-Birgu u l-Isla, iż-żewġt ibliet tant qrib it-Tarzna Navali.

Il-Birgu, dik il-belt li, flimkien ma' l-Isla, ħarġet rebbieħa lill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann wara li kienu ġarrbu telfiet bnadi oħrajn, din id-darba ndarbet serjament bħal qatt qabel! Nistgħu ngħidu li l-knisja ta' San Lawrenz kienet l-ewwel waħda li sfat milquta bil-bombi, u għalhekk ma kienx hemm ċans li wieħed jieħu tagħlima u jwarrab l-opri ta' qedem u ta' arti li kellha. U l-Knisja Kolleġġjata tagħna, minbarra t-telfa ta' madwar 40 ruħ li ntradmu fiha waqt li kienu mariu hemm għall-kenn, tilfet ukoll opri ta' preġju kbir li qatt u qatt ma jita' jkun irriparat.

Waqt li nuru l-ħajr lil Alla l-Imbierek li l-parroċċa tagħna għadha kemm fakkret denjament id-disa' ċentinarju b'festi, illum naraw flimkien x'tilfet il-knisja tagħna u beltna ħamsin sena ilu.

Meta wieħed jara l-listi li ġejjin ta' tant opri li tilfet il-Kolleġġjat tagħna, u jidħol fiha llum, żgur li jħossu rikonoxxenti lejn il-Mulej, li wara telfa kbira bħal dik li minnha għaddiet il-parroċċa tagħna, illum bil-għajnuna t'Alla, b'ħidma tal-Kapitolu u kleru u poplu, ninġabru fit-tempju Lawrenzjan, imżejjen b'uħud mill-opri li , jew kienu salvati minn taħt it-tiġrif tal-gebel, jew li ssewwew b'tant għaqal u ħila li nistgħu ngawduhom mill-ġdid.

Sewwasew wara l-gwerra, il-prokuratur tal-knisja, il-Kan. Dun Lawrenz Micallef, megħjun mill-Kav. Rafel Bonnici Calì, mis-Surmast Manwel Buhagiar,mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien,il-Kan. Paolo Galea u xi kanoniċi oħrajn, ġabru tagħrif biex setgħu jħejju listi ta' oġġetti li tilfet il-knisja tagħna.

Bosta mill-oġġetti li ntilfu kienu fl-Awla Kapitolari, li kienet ukoll Mużew ta' opri antiki w artistiċi,kif ukoll f'diversi armarijiet fis-sagristija u fi kmamar oħrajn annessi mal-bini li safa mġarraf.

Nibda billi nsemmi xi kwadri li ntilfu. Kien hemm żewġ kwadri tal-Madonna antiki tassew, wieħed bit-tempra ta' l-1415, u l-ieħor fuq l-injam tas-seklu 15; kwadru ieħor tat-tempra kien dak ta'San Ġwann u San Pawl, li wkoll kien fuq l-injam; kellna kwadru tal-Madonna tat-tempra ieħor ta' l-1530, li kien tal-kappella ta' Sant'Anġlu. dawn kienu kwadri ta'preġju rreparabbli, teżori kbar tassew! Kellna kwadru ta' San Kosma u Damjan tal-Paladin, u xogħol ta'preti kellna wkoll Santa Rosalia u l-Madonna tad-Duluri. Kwadru antik tas-seklu 16 kien dak ta' Monserrat bil-Madonna u l-Isqof Gargallo. Kwadru ieħor ta' preġju kien dak ta' l-Assunta, u ieħor tal-Madonna ta' Monserrat. Kien hemm kwadri oħrajn bħal dak tat-Trinità, ta' Sant'Alfons, dawk ta' San Bastjan u Santu Rokku, xogħol ta' Favray, u kwadri ta' żewġ inkwiżituri benefatturi tal-Knisja, ta' l-Arċipriet Fenech; ta' Dun Lawrenz Lanzon, ta' l-Arċipriet Ebejer; l-Isqof Mattei, l-Isqof Buhagiaru l-Inkwiżitur Carpegna. Ma' dawn, kien hemm ukoll kwadri ta' Sant'Injazju u ta' San Franġisk Saverju,li kienu wkoll pitura tas-seklu 17. Kien hemm ukoll kwadru ieħor qadim tassew li kienjuri l-proċessjoni tal-Vitorja fl-antik. *...ikompli*

Ngħaddu issa għal xi opri oħrajn. Spiċċat l-istatwa qadima ta' Santu Rokku tas-seklu 17, tlifna wkoll Kurċifiss ta' l-Avorju tassew ta' preġju; żewġ niċeċ tal-gewż mastizz, li kien fihom żewġ statwi ta' Spanja, wieħed tad-Duluri liebsa l-iswed,u l-ieħor ta' l-'Ecce Home'. Dawn tathom lill-knisja, l-Barunessa Muscat Cassia Dorell.

Tlifna sett ta' 24 pultruna tal-ġewż, li minnhom kienu nġabru tlieta li ssewwew; sett ta' Apostli ta' l-injam; sedja ta' l-Isqof Palmieri, bl-arma tiegħu; sittax-il kandlier ta' l-injam u 14 kandlieri żgħar tal-metall, għadd ta' važetti ndurati u oħrajn ta'l-alabastru fin ta' kulldaqs . Dawn kienu għal kull altar b'emblemi differenti, uħud minnhom kienu tas-seku 17. Fis-sagristija kien hemm il-bankun fin-nofs, u sett ta' kaxxarezzi mimlijin skultura u xogħol tal-ġewż ta' preġju tassew. Il-kwadru antik tat-titular, rikordju ta' l-ordni li ġabet magħha minn Rhodi fl-1530. Intilfu għal kollox ukoll żewġ kwadretti antikissimi li kienu jiffurmaw parti mir-Retablo tal-Maġġur, żewġ episodji mill-ħajja tal-Levita, tas-seklu 14. It-tużel,opra sabiħa ta' Busuttil intilef; żewġ leġiji tal-żewġ b'disinn u skultura sabiħa; żewġ banketti ta' l-assistenti,ukoll tal-gewġ b'disinn sabiħ; mejda tal-ġewż; erba' gwardrobbi tal-ġewż fejn kien jintrefa' l-apparat; erba' Ostensorji qodma li kienu fuq l-altar ta' Santa Marija fis-sagristija; il-gwarniċi tal-'Via Sagra' kienu mkissrin għall-aħħar; u ventartal magħruf ta' Lanzon.

Il-knisja tilfet ukoll xogħlijiet tal-fidda, uħud minnhom inġabru f'biċċiet, jew mgħattnin sew jew minnhom ma' nstab xejn. Intilfu, mela, erba' kandlieri żgħar tal-fidda; Sfera; sasla ta' l-asperġes; pissidi; żewġ settijiet ta'karti tal-Glorji; tmien lasti tal-fidda ta' standardi; sett ta' impulluzzi tal-fidda; il-ventartal ' amartello' tas-seklu 17 - l-ewwel ventartal tal-fidda fil-knejjes tal-Maltin; ventartal ieħor tal-kappella, bl-arazz tad-deheb u l-ħarir ta'perġju kbir; ħames lampieri, u l-pedestall tal-vara li kien mgħaffeġ għal kollox. Kienet b'xorti tajba li l-Ostensorju u l-pedestall tiegħu ġarrbu ftit ħsara u nstabu kważi intatti.

## AKTAR AFFARIJIET MITLUFIN

'Is-Sodalità dei Preti' kellha erba' faldrappi bil-feneż kbar tad-deheb il-ġmiel tagħhom; intilfet ir-raġġiera kbira li kienet tintrama fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll armar ieħor ta' dik l-okkażjoni, fosthom żewġ anġli u ħames raġġieri oħrajn żgħar. Ta' l-altar ta'Santa Katerina, intilfu l-važetti sbieħ bil-fjuretti tal-granutell,u oħrajnta' l-altari tal-Kurċifiss u tal-Kunċizzjoni. Il-ventaltari tal-fidda tal-Karità u tal-Kunċizzjoni wkollkelhom ħsarat lisewwewhom. Il-Fratellanza tas-Sagrament tilfet sett ta' 24 fanal, l-Umbrella tal-Vjatku u l-ħtiġiet kollha l-oħrajn tal-Vjatku, għadd ta' torċiu xemgħa bil-kaxxa b'kollox; intilef ukoll tapit tal-persja antik u ta' preġju, relikwarju qadim, likiendonazzjoni tal-familja Bosco, kif ukoll il-Mazza Kapitolari li sfat mgħattna sew. Ma ninsewx insemmu s-sett linef tal-kristall tal-bohemja, li kienu sitta u tnejn kbar bil-loppi taghhombl-anġli. Kienu mill-isbaħ li kellna f'Malta u li ntilfu għal kollox.

## ARMAR TA'BARRA

L-armar ta' barra ntilef kollu, u minnu ma' kienu salvaw xejn. L-armar tal-pjazza kienjikkonsisti fi 18-il kolonna bil-qaddisin, 18-il kolonna bl-anġli,18-il pilandru sbieħ, 18-il trofej, 4 statwi ta' qaddisin, 4 anġli bil-kolonni,il-kuruna sabiħa li kienet titnrama fil-pjazza; in-niċċa kbira msejħa 'ċ-Ċorma' li kienet tintrama fi Triq San Lawrenz biswit it-telgħa tal-Pjazza; il-kolonni u l-istatwi tal-Papa Urbanu, u dik ta' Malta, aktar statwi ta' anġli u qaddisin li kienu ħdejn il-knisja, 20 gastra u piramida, 24 trofej tat-triq tal-Lunzjata, 12 oħra tax-Xatt,

*...ikompli*

tip tal-Festa Nazzjonali, u għadd kbir ta' bandalori, uħud ukoll irrakkmati bid-deheb; pavaljuni sbieħ ikkuttunati,u għadd kbir ta' bnadar u antaljoli; u l-kolonna bl-istatwa ta'SanLawrenz ta d-dawl lill-għomja. Illum naraw kif il-Vittoriosani, wara telfa kbira bħal din, sewwew bosta oġġetti u għamlu oħrajn ġodda tul dawnl-aħħar ħamsin sena li għaddew.

Xi opri, bħaldawk ta' pittura ta' artisti ta' fama,jew opri ta' qedem, inqerdu u l-knisja hija miftuma minn opri antiki ta'rikkezza storika. hekk, inghidu aħan, il-pittura tal-koppla li kieent turi l-Assedju l-Kbir,kif ukoll il-paviment tal-presbiterju b'dawk il-lapidi stiriċi li kienhemm, fosthomdika' l-inkwiżitur u tal-Barunessa Dorell, li ma setgħux isiru repliki tagħom.

Imbagħad,il-knisja tilfet bosta dokumenti ta' storja,bħal dawk li kienu fl-Arkivju. Miftumin minn dokumenti bħal dawn, illum niltaqgħu ma' kittieba li jitolbuna dokumenti dwar mgħoddija, għax proprju jafu li llum dawn intilfu fil-gwerra. Hemm minra xkejjer ta' kotba u dokumenti fil-gwerra li nġabru minn taħt it-terrapien u baqgħu sejringħan-nar u r-rimi. Ftit biss inġabru, u b'xorti kbira li ssewwew sett ta' dokumenti magħrufin tal-Kartolaro u l-Memorie Lanzon, u llum jinsabu miġburin fl-Arkivju.

Rajna l-bradella,l-pedestall irranġati, u rajna mhux bissopri li ssewwew,immaoħrajn ġodda, bħal lampier ġdid tal-fidda, missali, vażetti tal-fidda,u opri oħrajn. u,b'xorti tajba li s-sena li għaddiet,wara l-festi Ċentinarji, ħallejna memorja oħra f'monument perenni dwar it-twaqqif tal-parroċċa tagħna.

Il-konklużjoni tagħna għandha tkun att ta' nkoraġġiment biex inkunu partrijotti, xejn anqas minn missierijietna, biex inkomplu nżejnu t-tempju storiku u manjifiku taghna, ddedikat lil Alla b'ġieh il-Glorjuż Martri Levita, San Lawrenz.

AEC

The phone people

**Suppliers & Installers:**
**Telephone answering machine**
**Background Music system**
**Public address systems**
**. Telephone exchanges**
**Dictating Machines**
**Hall Porter systems**
**Security equipment**
**Facsimile machines**
**Burglar Alarms**
**Fire Alarms**
**Telephones**
**Intercoms**
**Radios**
**Pagers**

**AMALGAMATED EQUIPMENT CO. LTD.**

Telemetry House, 52 Conservatory Str., Floriana
Fax: (0356) 240195 Tel: 237480 - 239480
Telex: MW 1907 Phones Malta